2024/2047

30.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2047

tad-29 ta' Lulju 2024

li jawtorizza l-introduzzjoni fis-suq taż-żerriegħa u tad-dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari, l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni. Abbażi tad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(2)(c), tar-Regolament (UE) 2015/2283, ikel tradizzjonali minn pajjiż terz jitqies bħala ikel ġdid.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) stabbilixxa lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.

(3) Fl-10 ta' Ottubru 2019, il-kumpanija WhatIF F&I Pte Ltd ("l-applikant") bagħtet notifika lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2015/2283 dwar l-intenzjoni tagħha li tintroduċi ż-żerriegħa u d-dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. fis-suq tal-Unjoni bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz. L-applikant talab li l-ikel ikkonċernat jintuża bħala tali (żrieragħ imsajra) jew bħala dqiq u huwa maħsub għall-popolazzjoni ġenerali.

(4) In-notifika tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2015/2283. B'mod partikolari, id-*data* ppreżentata mill-applikant turi li ż-żerriegħa u dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. ilhom jintużaw mingħajr periklu għal żmien twil fl-Afrika.

(5) Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fl-14 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni għaddiet in-notifika valida lill-Istati Membri u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità").

(6) Ma tressqux oġġezzjonijiet debitament motivati b'rabta mas-sikurezza għall-introduzzjoni fis-suq fl-Unjoni tal-ikel inkwistjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-Awtorità fil-perjodu stabbilit fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(7) Fid-29 ta' Jannar 2024, l-Awtorità ppubblikat it-"Technical Report on the notification of dried seeds and flour thereof of *Vigna subterranea* (L.) Verdc. as a traditional food from a third country pursuant to Article 14 of Regulation (EU) 2015/2283 ([3])". F'dak ir-rapport, l-Awtorità kkonkludiet li d-*data* disponibbli dwar il-kompożizzjoni u l-istorja tal-użu mitlub tal-ġewż tal-*Vigna subterranea* (L.) Verdc. ma jqajmux tħassib dwar is-sikurezza.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).
([3]) EFSA Supporting publication 2024:EN-8571.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq tal-Unjoni taż-żerriegħa u tad-dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz u taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid skont dan.

(9) Fir-rapport tagħha, l-Awtorità nnutat li jistgħu jkunu mistennija reazzjonijiet allerġiċi wara l-konsum tal-ikel tradizzjonali speċjalment f'individwi sensitizzati għall-karawett u għall-fażola tas-sojja. Fir-rapport tagħha, l-Awtorità nnutat ukoll li ż-żrieragħ imnixxfa jenħtieġ li jkunu soġġetti għat-tixrib u għat-togħlija qabel il-konsum, bħal legumi mnixxfa oħra. Għalhekk, jixraq li ż-żerriegħa u d-dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi jkunu ttikkettati b'mod xieraq skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(10) Jenħtieġ li ż-żerriegħa u d-dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. jiġu inklużi bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Iż-żerriegħa u d-dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. huma awtorizzati li jiġu introdotti fis-suq fl-Unjoni.

Iż-żerriegħa u d-dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. għandhom jiġu inklużi bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Ikel ġdid awtorizzat	Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn
"**Żerriegħa u dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. (ikel tradizzjonali minn pajjiż terz)**	*Kategorija tal-ikel speċifikat*	*Livelli massimi*	1. Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun "Żerriegħa/ġewż/fażola/karawett Bambara (*Vigna subterranea)*" jew "Dqiq taż-żerriegħa/ġewż/fażola/karawett Bambara (*Vigna subterranea)*" skont il-forma użata. 2. It-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom l-ikel tradizzjonali għandu jkollu dikjarazzjoni li ż-żrieragħ u d-dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* jistgħu jikkawżaw reazzjonijiet allerġiċi lill-konsumaturi b'allerġiji magħrufa għall-karawett u għall-fażola tas-sojja. Din id-dikjarazzjoni għandha tidher qrib ħafna tal-lista tal-ingredjenti jew, fin-nuqqas ta' lista tal-ingredjenti, qrib ħafna ta' isem l-ikel. 3. Meta ż-żrieragħ jinbiegħu nejjin, it-tikkettar għandu jkollu dikjarazzjoni li għandhom jiġu mxarrba u mgħollija qabel il-konsum."	
	Mhux speċifikat			

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Ikel ġdid awtorizzat	Speċifikazzjoni
"**Żerriegħa u dqiq taż-żerriegħa ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. (ikel tradizzjonali minn pajjiż terz)**	**Deskrizzjoni/Definizzjoni:** L-ikel tradizzjonali jikkonsisti f'żerriegħa mnixxfa sħiħa mingħajr qoxra ta' *Vigna subterranea* (L.) Verdc. [Familja: Fabaceae (alt. Leguminosae)] jew id-dqiq miksub b'diversi passi, inkluż it-trattament bis-sħana u t-tħin taż-żerriegħa. Sinonimi: *Cryptolobus subterraneus* (L.) Spreng., *Glycine subterranea* L., *Tetrodea subterranea* (L.) Raf., *Voandzeia subterranea* (L.) Thouars. Ismijiet komuni: Il-karawetta Bambara, il-ġewża Bambara, il-fażola Bambara, il-piżella Bambara, il-fażola Nyimo.

	Żerriegħa mnixxfa **Firxa tipika ta' kompożizzjoni:** Indewwa: 7–11% Proteina: > 15% Karboidrati: 32-65% Zokkor:< 6,0% Xaħam: 4-7% Fibra: 7-31% **Metalli tqal:** Arseniku: < 0,05 mg/kg Kadmju: < 0,02 mg/kg Ċomb: < 0,05 mg/kg Merkurju: < 0,01 mg/kg **Mikotossini:** Is-somma tal-aflatossini (B1+B2+G1+G2): < 4 µg/kg Aflatossina B1: < 2 µg/kg Is-somma tal-fumoniżina (B1+B2+B3): < 60 µg/kg Deossinivalenol: < 0,1 mg/kg Okratossina A: < 0,5 µg/kg Żearalenon: < 0,1 mg/kg **Kontaminanti jew fatturi antinutrijenti oħrajn:** Aċidu ċjanidriku (inkluż aċidu ċjanidriku marbut fi glikosidi ċjanoġeniċi): < 15 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Spori mežofiliċi aerobiċi: < 1 Spora/g *Alicyclobacillus*: Mhux individwat f'10 g *Bacillus cereus* preżuntiv: < 10 cfu/g Koliformi: < 10 cfu/g *E. coli*: < 10 cfu/g *Salmonella*: Mhux individwat f'25 g *Staphylococcus aureus*: < 10 cfu/g Għadd Totali tal-Kolonji: < 5 000 cfu/g Ħmira u mofof: < 100 cfu/g **Dqiq taż-żerriegħa mnixxfa** **Firxa tipika ta' kompożizzjoni:** Indewwa: 4–7% Proteina: > 15% Karboidrati: 55–75% Zokkor:< 20% Xaħam: 4–9% Fibra: 10–30%

	Metalli tqal: Arseniku: < 0,05 mg/kg Kadmju: < 0,02 mg/kg Ċomb: < 0,05 mg/kg Merkurju: < 0,01 mg/kg **Mikotossini:** Is-somma tal-aflatossini (B1+B2+G1+G2): < 4 µg/kg Aflatossina B1: < 2 µg/kg Is-somma tal-fumonižina (B1+B2+B3): < 60 µg/kg Deossinivalenol: < 0,1 mg/kg Okratossina A: < 0,5 µg/kg Żearalenon: < 0,1 mg/kg **Kontaminanti jew fatturi antinutrijenti ohrajn:** Aċidu ċjanidriku (inkluż aċidu ċjanidriku marbut fi glikosidi ċjanoġeniċi): < 10 mg/kg Aċidu fitiku: < 0,01 g/100 g **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Spori mežofiliċi aerobiċi: < 1 Spora/g *Alicyclobacillus*: Mhux individwat f'10 g *Bacillus cereus* preżuntiv: < 10 cfu/g Koliformi: < 10 cfu/g *E. coli*: < 10 cfu/g *Salmonella*: Mhux individwat f'25 g *Staphylococcus aureus*: < 10 cfu/g Għadd Totali tal-Kolonji: < 1 000 cfu/g Ħmira u mofof: < 100 cfu/g cfu: unitajiet li jifformaw kolonji"